MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 81/2009

**A B C**

**-vs-**

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A C fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-esponenti huwa r-ragel tal-intimata u fil-mori ta' medjazzjoni, l-intimata ottjeniet digriet ta' manteniment favur il-minuri u li gie rez ezekuttiv fejn l-esponenti gie ordnat li jhallas manteniment fl-ammont ta' sitt mitt Euro (euro 600) fix-xahar;

Illi l-istat finanzjarju kif ukoll l-istat ta' sahha tal-esponenti ma tippermettix lill-esponenti sabiex johrog manteniment

ghat-tfal u dan kif ser tigi ppruvata waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-esponenti jghix biss billi jiehu assistenza socjali fl-ammont ta' ftit aktar minn tlett mitt Euro (euro 300) fix-xahar;

Illi l-esponenti ghandu 'l fuq minn mitt Euro (euro 100) spejjez rikorrenti fuq pilloli li ma jinghatax b'xejn mill-isptar u dan apparti pilloli ohra li jiehu b'xejn mill-isptar;

Illi l-esponenti huwa awtorizzat sabiex jipprocedi b'din il-kawza;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tirrevoka u thassar id-digriet precedenti fejn l-esponenti gie ordnat li jhallas manteniment ta' sitt mitt Euro (euro 600) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri u dan mid-data ta' meta hareg id-digriet.

Fin-nuqqas jigi ordnat illi l-manteniment ghandu jitnaqqas skond il-htigijiet u bzonnijiet tal-esponenti.

Rat ir-risposta guramentata ta' D C fejn din eccepiet:

Illi, preliminarjament, qeghda tigi eccepita n-nullita' tar-rikors guramentat billi l-attur m'huwiex awtorizzat skond il-ligi sabiex jipprocedi b'din il-kawza, billi ai termini tar-regolament 9 tal-Avviz Legali 397 tal-2003, tali azzjoni setghet tinbeda biss prevja awtorizzazzjoni mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja ghall-ghan tar-rikors guramentat, u tabilhaqq tali awtorizzazzjoni ma tezistix.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, jigi umilment eccepit illi t-talbiet tal-attur huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jincahdu bl-ispejjez kontrih.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jigi umilment eccepit illi d-digriet ta' din il-Qorti fejn il-konvenut

gie kkundannat ihallas is-somma totali ta' sitt mitt Ewro (€600.00) ghat-tliet uliedu huwa wiehed validu skond il-ligi, u gust in vista tal-mezzi tal-partijiet u tal-bzonnijiet tal-ulied, u dana kif diga' kkonfermat minn dina l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet kif diversament presjeduta wara talba ohra ghar-revoka min-naha tal-attur, liema digriet huwa datat id-9 ta' Jannar, 2009. Minkejja d-digriet, l-attur ma jhallas assolutament ebda manteniment ghal uliedu, u ilu b'kollox iktar minn sentejn ma jhallas xejn.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jigi umilment eccepit illi l-attur kien u ghad ghandu mezzi bizzejjed biex ihallas il-manteniment ordnat mill-Qorti, *inter alia* ghaliex mill-proventi tal-bejgh tad-dar matrimonjali tal-kontendenti huwa dahhal €111.809 cirka. Barra minn hekk, il-problemi fizici tal-attur trawmu bhala konsegwenza diretta tal-alkolohizmu tieghu liema alkoholizmu huwa ma kkurax u illi wassal ghall-isfaxxar taz-zwieg u anki swat ripetut.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jigi umilment eccepit illi l-attur fil-fatt jista' jahdem u ix-xoghol illi ma jistax jaghmel huwa biss dak li jinvolvi tqandil zejjed, u fi kwalunkwe kaz, ghandu mezzi finanzjarji bizzejjed biex ihallas il-manteniment illi gie ordnat sabiex ihallas ghal uliedu.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jigi umilment eccepit illi ma ssussista ebda kambjament fil-mezzi ta' min ghandu jaghti l-manteniment jew ta' min ghandu jircievi il-manteniment, la l-konvenuta u lanqas l-ulied, u ghalhekk ukoll ma hemm ebda raguni valida ghat-twarrib jew ghat-tnaqqis tal-ammont ta' manteniment ordnat illi ghandu jithallas mill-attur lill-konvenuta ghal uliedhom minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attur illi huwa ingunt minn issa ghall-kontro-ezami u in subizzjoni.

Rat il-verbal tal-15 ta' Dicembru 2009, fejn il-partijiet nghataw il-fakulta' li jipprezentaw sottomissjonijiet bil-

miktub u l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni moghtija.

Rat li, ghalkemm il-konvenuta pprezentat nota ta' sottomissjonijiet taghha fir-rigward, u din l-istess giet formalment notifikata lid-difensur tal-attur, dan ma rrispondiex ghaliha.

Ikkunsidrat illi r-regolament 9 tal-Avviz Legali 397 tal-2003 jipprovdi illi:

'meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:

a) nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom;

dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-Registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha.'

u ukoll Artiklu 10 (1) jipprovdi illi:

'Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux ghal ftehim wara l-process tal-medjazzjoni taht ir-regolament precedenti, hija ghandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proceduri fi zmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jigi moghti ghal raguni gravi.'

Jirrizulta illi fis-17 ta' April 2008, ir-rikorrenti odjern kiteb lir-Registratur biex jinizzja procedura ta' medjazzjoni dwar separazzjoni personali, manteniment u access ghall-minuri peress illi "l-hajja ta' bejniethom ma ghadhiex possibbli". Wara diversi laqghat mal-medjatur, irrizulta li l-partijiet ma waslu ghall-ebda ftehim u ghalhekk, il-Qorti, wara rapport mill-medjatur, awtorizzat lir-rikorrenti jipprocedi bil-kawza ghas-separazzjoni personali.

Minflok ghamel hekk, ir-rikorrenti stitwixxa kawza biex jirrevoka digriet ta' manteniment ghal uliedu li jidher li nghata fil-mori tal-proceduri medjazzjoni. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti ma setax isir.

Ir-rikorrent m'ghandux awtorizzazzjoni jagixxi fil-mod li agixxa permezz ta' din il-kawza. L-awtorizzazzjoni kienet ghas-separazzjoni personali. Dawn il-proceduri ghas-separazzjoni, fil-fatt, inbdew skond il-ligi minn martu. It-talba ghall-varjazzjoni setghet possibilment saret fl-ambitu ta' dawk il-proceduri.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u tichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------